MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Numru. 462/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**versus**

**Hesham Sadek M Elhaj**
**Hakim Medi Mohammed**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Hesham Sadek M Elhaj ta' 22 sena bin Sadek u Sama mwieled Tripoli fit-2 ta' Frar 1982 u residenti 7 Sqaq Numru 1 Triq de Rohan Żebbuġ

U

2. Hakim Medi Mohammed ta' 29 sena bin Mehdi u Salma mwieled Tripoli fil-15 t'Ottubru 1974 u residenti 34 Triq San Ġwann Siġġiewi

3. Akkużati talli fit-12 ta’ Ġunju 2004 għall-ħabta tat-tlieta ta’ wara l-ikel ġewwa Ħaċ-Żebbuġ ikkommottew serq ta’ erbat elef, mitejn u ħamsin dollaru Amerikan (4250) għad-dannu ta’ Mourad G Erhuma passaport numru 415652 liema serq huwa aggravate bil-lok, ammont u vjolenza;

4. Akkużati wkoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, żammew jew issekwestraw lill-imsemmi Mourad kontra l-volonta’ tieħgu jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata miżmuma jew sekkwestrata

**Lil Hesham Sadek M Elhaj waħdu**

5. Talli żamm jew ġarr arma li taqta’ u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi, ir-rapport a fol.34, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-26 ta’ Lulju, 2004 u li kienu:

Fil-konfront ta’ Hakim Medi Mohammed

(a) fl-artikoli 261(a)(c)(e), 262(1)(A), 267, 269, 275 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali;
Fil-konfront ta’ Hesham Sadek M Elhaj

(a) fl-artikoli 261(a)(c)(e), 261(1)(a), 267, 269 u 275 tal-Kap 9;
(b) fl-artikolu 86 tal-Kap 9;
(ċ) fl-artikoli 13 u 19 tal-Kap 86.

7. Liema artikoli nqraw fis-seduta tat-8 ta’ Novembru, 2004 u f’liema jum iż-żewġ imputati ddikjaraw li m’għandhom ebda oġġezzjoni li l-proċeduri jkunu sommarji u li kkonfermaw dan wara li ngħataw żmien biżżejjed biex jaħsbuha tajjeb;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

9. Rat l-ammissjoni bikrija li għamel Hakim Medi Mohammed fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2004;

10. Rat l-ammissjoni li saret minn Elhaj Hesham Sadek fid-19 t'Ottubru, 2005;

11. Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Settembru, 2005 fejn il-Qorti rrevokat il-liberta' proviżżorja ta' Hakim Mehdi Mohammed;

12. Rat id-digriet tagħha tas-7 t'Ottubru, 2005 li bih awtorizzat li jittieħdu lura l-flus mid-derubat Murad El Erhuma;

13. Semgħet il-Kummissarju tal-Pulizija prodott mid-Difiża jixhed dwar l-għajnuna siewja li l-imputat Hesham Sadek M Elhaj ta lill-Pulizija;

14. Mix-xhieda ta' Mourad El Erhuma jirriżulta li fit-12 ta' Ġunju, 2004 Elhaj Hesham Sadek kien offra lix-xhud li jieħdu l-ajruport iżda flok saq lejn l-ajruport ħadu f'post imwarab fejn l-imputat Hakim Mehdi Mohammed għamel ħdida ma' għonq Mourad El Erhuma waqt li Elhaj Hesham Sadek qabad sikkina u għamilha mal-vittma wkoll. Huma talbuh il-flus u hu tahom kull ma kellu (4,250 dollaru). L-imputati mbagħad wassluh ħdejn ir-roundabout ta' l-ajruport. Ix-xhud għaraf lill-imputati fl-Awla.

15. PS 238 Michael Carter xehed li Erhuma kien spjegalu li Erhuma kien ġie Malta u li kien joqgħod fis-Siggiewi maż-żewġ imputati. Il-Pulizija marru max-xhud ġewwa s-Siġġiewi fejn minkejja li ħabbtu fuq il-bieb ħadd ma fetaħ. Imbagħad qabżu ġewwa, telgħu fuq il-bejt u wara sabu lil Hakim Mehdi Mohammed fuq il-bejt. Fuqu nstabu 1,306 dollaru Amerikan. Ix-xhud għaraf ukoll lil Hesham Sadek M Elhaj li kien magħruf bħala William. Dan ix-xhud ikkoreġa wkoll data li kienet tidher fl-okkorrenza.

16. PS 585 Joseph Baileys ikkonferma li kienu sabu lil Mohammed Hakim Medi fuq il-bejt. El Sadek kien mar waħdu fl-Għassa iżda kien innega l-involviment tiegħu.

17. PC 1104 Silvio Spiteri ikkonferma x-xiehda mogħtija minn PS 238 Michael Carter u PS 585 Joseph Baileys, partikolament li kienu sabu lil Hakim Medhi Mohammed fuq il-bejt u lid an kellu 1306 dollari.
18. PC 1557 Jeffrey Sacco xehed li lill-vittma kienu tawh 300 dollaru u l-bqija kienu qasmuhom bejniethom fil-karozza. Mohammed Hakim Medi kien żamm 1300 dollaru. Mill-banda l-oħra Hashem Sadek M Elhaj kien ċaħad kollox.

19. L-Ispettur Raymond D'Anastas xehed li l-vittma kien mar jagħmel rapport fl-għassa tal-Hamrun. Huwa kompla l-investigazzjoni billi sema' x'kellu jgħid Mohammed Hakim Medi li ammetta li kien żamm il-ħadida ma' għonq Mourad u mbagħad Mourad tella' l-flus minħabba li beża'. Huma ħadu 4550 dollaru iżda lill-vittma tawh tliet mitt dollaru. Hashem Sadek M Elhaj baqa' jiċħad.

20. Id-difiża tellgħet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jixhed dwar l-għajnuna mogħtija minn wieħed mill-imputati, jiġifieri Hesham Sadek M Elhaj.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Ġaladarba kien hemm l-ammissjonijiet taż-żewġ imputati, l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

22. Fil-Konfront ta' Hakim Medi Mohammed, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 86, 261(a)(c)(e), 262(1)(a), 269(c), 275 u 277 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li dawn huma imputazzjonijiet serji u li f'dan il-każ intuża l-ingann ukoll. Wara li rat li huwa ammetta l-ħtija tiegħu mal-ewwel, (ara: fol.7 u l-każ Repubblika versus Nicholas Azzopardi) qed tikkundanna lil dan l-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' sentejn u disa' xhur mil-liema żmien għandu jitnaqqas kull perjodu li diġa' kien taħt arrest.

23. Fil-konfront ta' Hashem Sadek M Elhaj, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 86, 261(1)(a), 267, 269(c), 275 u

277 tal-Kap 9 u l-artikoli 13 u 19 tal-Kap 66 qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Għal darb'oħra l-Qorti qed tagħmilha ċara li l-imputazzjonijiet huma serji u li r-reati twettqu fl-isfond ta' ingann. Rigward il-piena għalhekk, il-Qorti qed tqis li dan l-imputat għandu fedina penali nadifa, ammetta l-ħtija għalkemm fi stadju pjuttost tard, u ta għajnuna siewja lill-Pulizija. Għaldaqstant qed tikkundanna lil Hashem Sadek M Elhaj għall-piena karċerarja ta' sentejn u tliet xhur mil-liema piena karċerarja għandu jitnaqqas dak iż-żmien li għadda taħt arrest jekk kien hemm tali żmien. Barra dan huwa qed ikun ikkundannat ukoll iħallas Lm50 (ħamsin lira Maltija) u l-Qorti qed tordna l-konfiska ta' l-arma bil-ponta użata fir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------